MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1133/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Roberto Maugeri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roberto Maugeri detentur tal-karta tal-identità Taljana AR 3625618.

Akkuzat talli:

1. F’dawn il-gzejjer illum it-08 ta’ Ottubru 2011 ghall-habta ta’ 05:50a.m. minn gewwa Hugo’s Bar li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan seraq mobile phone tal-marka Nokia Express Music li jiswa mitejn u tlieta u tlettin Euro (Euro 233) ghad-dannu ta’ Francesca Galea, kif ukoll mobile iehor tal-marka Nokia C6 li jiswa tlett mija u

hamsin euro (Euro 350) u Euro 50 fi flus kontanti ghad-dannu ta' Graziella Sammut liema serq huwa kkwalifikat bl-'ammont' u bil-'hin'.

2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexihom jew ibieghhom.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-ewwel akkuza kif dedotta kontrih stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 267, 270, 279, 280 u 334 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat Roberto Maugeri hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn u nofs mil-lum, u tilliberah mit-tieni akkuza stante li hi alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Finalment fi kliem semplici spjegat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------